MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2004

Rikors Numru. 25/2001/1

**Joseph u Josephine konjuġi CAMILLERI**

**vs**

**IL-KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET, L-Awtorita' ta' l-Ippjanar, Il-Kunsill Lokali tan-Nadur, Il-Ministru għall-Ambjent, illum magħruf bħala Ministru tar-Riżorsi u Infrastruttura**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-16 ta' Ottubru, 2001, li bih ir-rikorrenti ippremettew:

1. Illi huma akkwistaw b'titolu ta' kompravendita mingħand il-Kurja Arċiveskovili tar-Rabat, Għawdex art

fabbrikabbli fi Triq Bishop Coccoo Palmieri, in-Nadur Għawdex tal-kejl ta’ 345 metri kwadri u tmiss mit-tramuntana, mil-lvant u mill-majjistral ma’ proprjeta’ tal-Kurja ta’ l-Isqof ta’ Għawdex jew suċċessuri tiegħu kif murija fil-pjanta annessa bħala Dok. A;

2. Illi b’notifikazzjoni Nru. 443 pubblikata fil-gazzetta tal-Gvern tat-28 ta’ Ġunju 1991 l-istess art ġiet espropjata u ttieħdet għal “skopijiet pubbliċi”;

3. Illi l-art espropjata aktar minn għaxar snin ilu ma saritx in realta għal skopijiet pubbliċi imma saret unikament minħabba l-kulur politiku tiegħu u sabiex jiġu vantaġġjati terzi persuni li bnew fl-istess Triq l- Isqof Cocco Palmieri fejn ġew anke vantaġġjati bl-ispustament ta’ l-alignment oriġinali;

4. Illi dejjem ingħad, u l-Kunsill Lokali tan-Nutar talab il-permessi ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar għal dan, sabiex isir belveder, meta ftit metri biss ‘l bogħod mill-art proprjeta’ tar-rikorrenti, hemm wesgħet oħra li jservu ta’ Belveder;

5. Illi kull min xtara l-art f’din it-triq, fuq iż-żewġ naħat tagħha, ingħata permess tal-bini u bena u l-art tar-rikorrenti ttieħdet minħabba t-twemmin politiku tagħhom u sabiex jiġu vantaġġjati persuni ta’ kulur politiku differenti minnu sabiex ma jsirx bini quddiemhom u jibqgħu jgwadu l-veduta;

6. Illi f’għaxar snin sħaħ ma sar l-ebda proġett fl-interess pubbliku u dan jikkonferma l-fatt ta’ vantaġġi msemmi aktar ‘l fuq għal xi sidien u residenti “preferuti”;

7. Illi r-rikorrenti ma ingħataw l-ebda kumpens għall-espropjazzjoni ta’ l-art tagħhom bi ksur sfaċċat tal-liġi;

8. Illi l-aġir ta’ l-intimati jikser id-dispost ta’ l-artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-artikolu 14 u 1 ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħgobha tiddikjara u tiddeċiedi li l-imsemmija art ittieħdet bi ksur tal-jeddijiet fundamentali ta' l-esponenti b'mod partikolari dawk elenkati fl-artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u ta' l-artikoli 14 u 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u għalhekk tiddikjara l-istess espropjazzjoni hija nulla u mingħajr effett legali, tordna li l-imsemmija art tingħata lura lill-esponenti u tordna ukoll li l-intimati jħallsu d-danni li jiġu likwidati mill-istess Qorti sofferti mill-esponenti kawża ta' l-aġir illegali u aniti-kostituzzjonali tagħhom, kif ukoll tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;

Talbu li din il-Qorti jogħġobha tiddikjara u tiddeċiedi li l-imsemmija art ittieħdet bi ksur tal-jeddijiet fondamentali tal-esponenti b'mod partikolari dawk elenkati fl-artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u tal-artikoli 14 u 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u għalhekk tiddikjara (li) l-istess espropriazzjoni hija nulla u mingħajr effett legali, tordna li l-imsemmija art tingħata lura lill-esponenti u tordna wkoll li l-intimati jħallsu d-danni li jiġu likwidati mill-istess Qorti sofferti mill-esponenti kawża tal-aġir illegali u anti-Kostituzzjonali tagħhom, kif ukoll (li) tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi li din il-Qorti jidhrilha xierqa;

Rat id-dokument mehmuż mar-Rikors;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta' Ottubru, 2001, li bih appuntat is-smigħ tar-Rikors għall-24 ta' Ottubru, 2001;

Rat it-Tweġiba mressqa fl-24 ta' Ottubru, 2001, li biha l-intimati Ministru tar-Riżorsi u Infrastruttura u l-Kummissarju tal-Artijiet eċċepew:

1. Illi l-esponenti ġew notifikati b'rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet fuq ċitati fit-23 t'Ottubru 2001 bl-avviż tas-smigħ għall-24 t'Ottubru 2001. Illi sabiex l-esponenti jottemporaw ruħhom u jippreżenta risposta

mad-data tas-smigħ tal-kawża, huma qed jippreżentaw din ir-risposta b'riżerva għall-risposta ulterjuri;

2. Illi dak allegat fir-rikors promotur jikkostitwixxi sostanzjalment allegazzjoni ta' abbuż ta' poteri li hija azzjonabbli taħt l-Artikolu 469A (1)(b)(iii) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u proċedura Ċivili illi jirrendi att amministrattiv annullabbli;

"meta l-egħmil amministrattiv jikkostitiwixxi abbuż tas-setgħa ta' l-awtorita' pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti".

Illi għaldaqstant l-esponenti jissottomettu illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u taħt l-Att XIV tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja fit-termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(2) tal-Att XIV tal-1987 stante d-disponibilita' ta' mezzi oħra xierqa ta' rimedju;

3. Illi in kwantu jilmenta minn fatt li ġara aktar minn għaxar snin qabel ma ġiet intavolata din il-kawża, r-rikors promotur huwa frivolu u vessatorju kif jirriżulta mill-istess fatt tat-tardivita palezi u għandu għaldaqstant jiġi respint bħala tali;

4. Illi in kwantu hija azzjoni għal danni u azzjoni bażata fuq allegat fatt illeċitu, l-azzjoni attriċi hija preskritta fit- termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

5. Illi kwantu hija bażata fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni l-azzjoni hija ostata bid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ukoll;

6. Illi l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma fi kwalunkwe każ infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti stante illi r-rikorrenti ma sofrew ebda trattament leżiv tal-Artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni jew 14 u Art. 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja kuntrarjament għal dak allegat minnhom;

Rat il-verbali tas-smigħ tat-22 ta' Frar, 2002, u tal-20 ta' Mejju, 2002, li bihom il-Qorti kienet mgħarrfa li kienu qegħdin isiru trattativi bejn il-partijiet;

Rat is-Surroga li biha l-atti tar-Rikors ġew mgħoddija lil din il-Qorti kif presjeduta biex ikomplu jinstemgħu quddiemha;

Rat it-Tweġiba mressqa fis-17 ta' Jannar, 2003, li biha l-intimata Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar eċċepiet:

1. Illi preliminarjament, l-Awtorita' intimata m'hijiex il-leġittimu kontradittur fil-konfront tat-talbiet tar-rikorrenti hekk kif dedotti, stante li l-istess Awtorita' m'hijiex u lanqas qatt ma kienet responsabbi mill-espropjazzjoni ta' l-artijiet, u għaldaqstant, stante li l-ilment tar-rikorrenti huwa bbażat fuq espropjazzjoni ta' art, it-talbiet fil-konfront ta' l-Awtorita' esponenti għandhom jiġu miċħuda;

2. Illi l-Awtorita' intimata ma kkomettiet l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent;

3. Illi in vista tal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl- ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;

Rat illi l-Kunsill Lokali intimat, notifikat kif imiss bl-atti tar-Rikors, bl-Avviż tas-Smigħ u bl-Avviż tar-Ri-appuntament ma ressaq l-ebda tweġiba u lanqas deher jew kien rappreżentat kull meta ssejjaħ ir-Rikors;

Rat is-Sentenza tagħha tat-30 ta' Ottubru, 2003[1], li biha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata Awtorita' Maltija dwar l-Ippjanar u l-Ambjent u ħelset lill-istess Awtorita' milli tibqa' iżjed fil-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar it-tieni eċċezzjoni tal-intimati Ministru għall-Ambjent u l-Kummissarju tal-Artijiet dwar jekk il-Qorti kellhiex tieqaf

[1] Paġġ. 29 sa 36 tal-proċess

milli twettaq il-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha stante d-disponibilita' ta' rimedji oħrajn ordinarji lir-rikorrenti;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fis-16 ta' April, 2004[2], dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-Degriet tagħha tas-27 ta' April, 2004, li bih ħalliet ir-Rikors għal-lum għad-deċiżjoni dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-Qorti qegħda tintalab mill-intimati Ministru tar-Riżorsi u Infrastruttura u l-Kummissarju tal-Artijiet sabiex tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha kostituzzjonali u konvenzjonali għaliex huma jgħidu li r-rikorrenti kellhom rimedju ieħor xieraq għall-ksur minnhom allegat u ma wżawhx. Huma jgħidu li dan ir-rimedju kien jikkonsisti f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi minħabba li l-rikorrenti qegħdin iressqu l-ilment tagħhom kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, joħroġ li l-eċċezzjoni li l-Qorti jmissha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha hija msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* għas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, li t-tnejn jużaw l-istess kliem għalkemm mhux it-tnejn jorbtu bl-istess mod lill-Qorti fl-użu tad-diskrezzjoni tagħha[3];

Illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u obbjettiv**, u d-diskrezzjoni li tista'

[2] Paġġ. 43A sa 46 tal-proċess
[3] Kost. **16.11.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Arena noe vs il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.257**)

twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[4]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad dan l-aħħar f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfitxxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[5];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[6]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se'

---

[4] Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)

[5] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***

[6] Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[7];

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[8]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[9];

Illi hemm fehma awtorevoli oħra li trid li, fil-qasam ta' dritt kostituzzjonali, il-ksur tal-jedd fondamentali taħt eżami jista' u kellu jissewwa b'rimedju xieraq kull meta l-parti mġarrba tagħti prova li dan seħħ, u dan indipendentement mill-andament li jkunu ħadu l-proċeduri li dwarhom jitqajjem l-ilment tan-nuqqas ta' smigħ xieraq, u indipendentement minn jekk il-persuna mġarrba irrikorrietx għar-rimedji ordinarji disponibbli lilha. Mhux hekk biss, iżda ngħad ukoll li fejn il-ksur tad-dritt, kif ippruvat, kien ġab miegħu iċ-ċaħda ta' jedd fondamentali tal-persuna, għal xi raġuni li tkun imqar jekk minħabba żball ta' ħaddieħor u mhux bi ħtija tagħha, il-Qorti m'għandha qatt teżerċita d-diskrezzjoni tagħha li ma teżerċitax is-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' l-ilment[10];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternattiv effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li

[7] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[8] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[9] Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)
[10] Kost. **20.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.370**)

jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali meżżi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' meżżi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija meżżi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[11]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[12]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[13];

---

[11] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***

[12] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

[13] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

Illi fil-każ preżenti, l-intimati jisħqu li r-rimedju li kien disponibbli lir-rikorrenti kien wieħed ċar u effettiv. Jinsistu li r-rimedju kostituzzjonali jew konvenzjonali japplika biss f'sitwazzjonijiet fejn id-dritt ordinarju ma jagħtix rimedju. Ifissru li r-rimedju ordinarju, kif ingħad, kien ikun japplika taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kap 12, jiġifieri l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għamil amministrativ, li, fost l-oħrajn, jieħu ħsieb jagħti smigħ ukoll fejn l-għamil amministrativ jitqies li jikser il-Kostituzzjoni[14];

Illi min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti jirribattu dawn is-sottomissjonijiet tal-intimati billi jgħidu, fost l-oħrajn, li l-każijiet fejn il-Qrati tagħna ċaħdu li jeżerċitaw is-setgħat kostituzzjonali jew konvenzjonali tagħhom ma kiinux jirrigwardaw każi ta' diskriminazzjoni. Jgħidu li, f'każi bħal dawn, m'hemm l-ebda rimedju għajr dak kostituzzjonali jew konvenzjonali. Il-Qorti, madankollu, hija tal-fehma li ma jistax jiġi eskluż minn qabel li, ukoll f'każ ta' diskriminazzjoni, ikunu jeżistu rimedji ordinarji disponibbli lil persuna kontra għamil amministrattiv. Dan jista' jinftiehem faċilment jekk wieħed jaqra sewwa d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kap 12. Dak li huwa rilevanti fl-eżami preżenti huwa jekk **fil-każ preżenti** kienx hemm tassew rimedju ieħor disponibbli lir-rikorrenti meta ttieħdet l-art tagħhom;

Illi wara li l-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, u wara li qieset il-prinċipji stabiliti dwar kif din il-Qorti għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha li tiddeċiedi jekk għandhiex teżerċita s-setgħa tagħha li tkompli tisma' l-każ, tasal għall-fehma li ma teżistix raġuni tajba u impellenti biżżejjed biex tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimati. Dan jingħad fuq kollox minħabba li jidher li l-esproprjazzjoni seħħet fl-1991;

Illi huwa magħruf li r-rimedju tal-azzjoni tal-istħarriġ ġudizzjarju ddaħħal fil-liġi proċedurali tagħna fl-1995. Huwa stabilit ukoll mill-istess artikolu[15] li azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju għandha ssir fi żmien sitt xhur minn dak inhar li jseħħ l-att amministrattiv lamentat. Huwa

[14] Art. 469A(1)(a) tal-Kap 12
[15] Art. 469A(3) tal-Kap 12

minnu li fil-każ fejn l-att ta' amministrativ jiġi allegat li jikser il-Kostituzzjoni, ma hemmx żmien preskritt li fih l-azzjoni tista' ssir, iżda huwa llum il-ġurnata aċċettat li l-azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A ma għandhiex tieħu l-post u lanqas titqies bħallikieku kienet azzjoni kostituzzjonali (jew konvenzjonali)[16]. Minbarra dan, ir-rimedju li jista' jingħata f'din il-kawża (kieku l-ilment tar-rikorrenti kellu jitqies mistħoqq u ippruvat kif imiss) jidher li jkun usa' minn dak li jista' jingħata lir-rikorrenti kieku kellhom jirrikorru għall-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju;

Illi waħda mis-sentenzi li l-abbli avukat tal-intimati irriferiet għaliha in sostenn tal-eċċezzjoni tagħhom kienet sentenza[17] li kienet ukoll tittratta eżami dwar jekk il-Qorti kellhiex tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha kostituzzjonali u konvenzjonali. F'parti minn dik is-sentenza kien ingħad li l-Qorti (fil-kawża ta' Joseph Arena kontra l-Kummissarju tal-Pulizija et.) ma setgħetx tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni sewwasew minħabba li, meta sar l-għamil lamentat, ma kienx għadu daħal fis-seħħ l-artikolu 469A. F'dan il-każ ukoll, jista' jingħad li japplika l-istess tagħlim;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimati bħala mhix mistħoqqa u f'lokha, u qegħda tagħżel li twettaq is-setgħat tagħha kemm taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 4 tal-Kapitolu 319, billi tkompli tisma' l-kawża;

L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni jiġu deċiżi mas-sentenza aħħarija.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

[16] P.A. GCD **5.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġanni Farruġia et vs Kummissarju tal-Artijiet***
[17] P.A. Kost VdG **12.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Farruġia vs Kummissarju tal-Pulizija***

---------------------------------TMIEM---------------------------------